

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Sofia-grad (il-Bulgarija) fit-12 ta' Lulju 2018 – “GVC Services (Bulgaria)” EOOD vs Direktor na Direktsia “Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika” – Sofia

(Kawża C-458/18)

(2018/C 341/09)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Administrativen sad Sofia-grad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: “GVC Services (Bulgaria)” EOOD

Konvenut: Direktor na Direktsia “Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika” – Sofia

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikolu 2(a)(i) tad-Direttiva 2011/96/UE ⁽¹⁾ u tal-punt (ab) tal-Parti A tal-Anness I tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li “kumpannji inkorporati taħt il-liġi tar-Renju Unit” jinkludu l-kumpannji inkorporati f'Għibiltà?
- 2) Id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikolu 2(a)(iii) tad-Direttiva 2011/96/UE u tal-Parti B tal-Anness I tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li “corporation tax fir-Renju Unit” tinkludi t-taxxa fuq il-kumpannji dovuta f'Għibiltà?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE tat-30 ta' Novembru 2011 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpannji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU 2011, L 345, p. 8).

Appell ippreżżentat fit-13 ta' Lulju 2018 minn Changmao Biochemical Engineering Co. Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (It-Tmien Awla Estiżza) fit-3 ta' Mejju 2018 fil-Kawża T-431/12, Distillerie Bonollo et vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-461/18 P)

(2018/C 341/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Changmao Biochemical Engineering Co. Ltd (rappreżentanti: K. Adamantopoulos, P. Billiet, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Distillerie Bonollo SpA, Industria Chimica Valenzana (ICV) SpA, Distillerie Mazzari SpA, Caviro Distillerie Srl, Comercial Química Sarasa, SL, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Mejju 2018 fil-Kawża T-431/12 fl-intier tagħha; u
- tikkundanna lir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali għall-ispejjeż tal-appellant ta' dan l-appell kif ukoll dawk tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-431/12.